



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

RAPPORT ANNWALI **2015**
PANORAMA TAS-SENA

RAPPORT ANNWALI **2015**
PANORAMA TAS-SENA



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
2925 LUXEMBOURG
LUXEMBOURG
TEL. +352 4303-1

IL-QORTI ĠENERALI
2925 LUXEMBOURG
LUXEMBOURG
TEL. +352 4303-1

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ
PUBBLIKU
2925 LUXEMBOURG
LUXEMBOURG
TEL. +352 4303-1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-internet: <http://www.curia.europa.eu>

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors. Ir-ritratti jistgħu jiġu riprodotti biss fil-kuntest ta' din il-pubblikazzjoni. Għal kull użu ieħor, trid tintalab awtorizzazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Ħafna iktar informazzjoni fuq l-Unjoni Ewropea tinsab disponibbli fuq l-internet permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

Print ISBN 978-92-829-2120-3 ISSN 2467-1460 doi:10.2862/250357 QD-AQ-16-001-MT-C
PDF ISBN 978-92-829-2092-3 ISSN 2467-169X doi:10.2862/899545 QD-AQ-16-001-MT-N

© Unjoni Ewropea, 2016

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA HIJLSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

WERREJ

Prefazju	5
1. Is-sena 2015 mad-daqqa t'għajn	6
(a) Is-sena f'ritratti	7
(b) Is-sena f'cifri	14
2. L-attività ġudizzjarja	16
(a) Harsa lura lejn is-sentenzi prinċipali tas-sena	17
(b) Iċ-ċifri bażiċi tal-attività ġudizzjarja	26
3. Sena ta' ftuħ u ta' kuntatti	32
(a) L-avvenimenti importanti	33
(b) Iċ-ċifri bażiċi	35
4. Amministrazzjoni li taqdi l-ġustizzja	38
(a) Amministrazzjoni funzjonali, moderna u multilingwi	39
(b) Ċifri u proġetti	42
5. Ħarsa lejn il-futur: ir-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja	48
6. Segwi l-attwalità tal-istituzzjoni	50





P R E F A Z J U

TAL-PRESIDENT

Għall-ewwel darba, ir-rapport annwali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jinkludi t-taqsimha "Panorama tas-sena", li hija maħsuba għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li jkunu interessati fil-missjoni u kif taħdem din l-istituzzjoni. Din il-panorama, li tiġbor fil-qosor l-attività tas-sena li għaddiet, tgħin lill-qarrej jiskopri r-rwol fundamentali li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, imma wkoll fix-xena istituzzjonali Ewropea.

Il-paġni li ġejjin juru b'mod ċar u fil-qasir id-deċiżjonijiet tal-qrati li mmarkaw l-2015 u l-effett tagħhom fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Il-ġrajjiet l-iktar sinifikattivi tal-ħajja tal-istituzzjoni qed jissemmew ukoll, u dawn juru d-djalogu u l-kuntatti li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kellha mal-qrati nazzjonali, mal-professjonisti legali kif ukoll maċ-ċittadini. Faħħar nett, din il-panorama tagħti lill-qarrej il-possibbiltà, permezz ta' ċifri bażiċi, statistika u infografiji, li jsir jaf aħjar kif taħdem l-istituzzjoni u l-amministrazzjoni li hija sserraħ fuqha sabiex twettaq il-missjoni tagħha favur il-ġustizzja Ewropea.


Jalla din il-pubblikazzjoni l-ġdida, li tinsab disponibbli fit-23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni, tkun tista' tgħin lil dak li jkun jifhem aħjar, sena wara sena, istituzzjoni li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipji tal-Istat tad-Dritt fi ħdan l-Unjoni Ewropea wara iktar minn sittin sena.

Il-qari t-tajjeb!


Koen Lenaerts
President tal-Qorti tal-Ġustizzja
tal-Unjoni Ewropea

1

IS-SENA 2015
MAD-DAQQA T'GĦAJN




A. IS-SENA F'RITRATTI




Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija waħda mis-seba' istituzzjonijiet Ewropej

Bħala l-awtorità ġudizzjarja tal-Unjoni, hija għandha bħala missjoni li tiggarantixxi l-osservanza tad-dritt Ewropew billi tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tat-Trattati. L-istituzzjoni taħdem sabiex jinżammu l-valuri tal-Unjoni u tagħti s-sehem tagħha fil-proġett Ewropew bis-sentenzi tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija komposta minn tliet qrati: il-“Qorti tal-Ġustizzja”, il-“Qorti Ġenerali” u t-“Tribunal għas-Servizz Pubbliku”(TSP).





Il-21 ta' Jannar

Sentenza Makhlouf vs Il-Kunsill


Il-Qorti Ġenerali tikkonferma l-miżuri restrittivi adottati kontra s-Sur Makhlouf, imsieħeb u ziju ta' Bashar Al Assad.

(ara l-paġna 23)



It-28 ta' Jannar
Teħid ta' ġurament ta' Arias Cañete

Il-Kummissarju Ewropew għall-enerġija u għall-klima, Miguel Arias Cañete, jaqra quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-impenn solenni previst mit-Trattati qabel ma jidħol fil-kariga tiegħu ta' Kummissarju Ewropew. Dan il-ġurament, meħud fix-xahar ta' qabel mill-membri l-oħra tal-Kummissjoni ppresjeduta minn Jean-Claude Juncker, juri b'hekk l-impenn solenni tal-Kummissarji li josservaw it-Trattati, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-obbligi etiċi tagħhom, li tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija l-gwardjana.



It-13 ta' Mejju

Għoti tal-50 edizzjoni tal-premju Theodor Heuss lill-Qorti tal-Ġustizzja

Il-fondazzjoni Ġermaniża Theodor Heuss, li tippremja kull sena l-impenn soċjali, il-kuraġġ ċiviku u l-azzjonijiet li jsaħħu d-demokrazija, tassenja l-50 edizzjoni tal-premju, bit-tema "Ewropa: il-futur ta' tama", lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. F'din l-okkażjoni, il-fondazzjoni tisħaq fuq ir-rwol essenzjali li twettaq din l-istituzzjoni, bis-sentenzi tagħha, fit-tisħiħ tad-drittijiet fundamentali fl-era diġitali u tal-globalizzazzjoni.

Id-29 ta' April
Sentenza Léger

Fuq talba minn qorti Franċiża wara li tabib irrifjuta li jaċċetta għotja ta' demm minn donatur omosesswali, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-esklużjoni permanenti milli jingħata demm tal-irġiel li jkollhom x'jaqsmu sesswalment ma' rġiel tista' tkun iġġustifikata, bil-kundizzjoni li dawn il-persuni jkollhom riskju għoli li jieħdu mard gravi bħall-AIDS u li ma jkunx hemm proċeduri effikaċi ta' identifikazzjoni jew metodi inqas restrittivi li bihom tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa ta' min jirċievi d-demm.



Is-16 ta' Ġunju Sentenza Gauweiler

Il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq talba tal-qorti kostituzzjonali federali Ġermaniża, tiddeċiedi li l-programm "OMT", imħabbar mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) f'Settembru 2012, li jawtorizza lis-sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) tixtri fis-swieq sekondarji l-bonds nazzjonali tal-Istati Membri taż-żona euro, huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

(ara l-paġna 24)



Mill-5 sad-9 ta' Ottubru

Espożizzjoni tal-Magna Carta fil-Qorti tal-Ġustizzja

Bħala parti miċ-ċelebrazzjoni tat-800 anniversarju tal-firma tal-*Magna Carta Libertatum* (il-Karta l-Kbira tal-Libertajiet) mir-re Ġwanni tal-Ingilterra, il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa', għal ġimgħa, wieħed mill-eżemplari oriġinali tal-karta, sors ta' ispirazzjoni ta' numru ta' testi ddedikati għall-valuri demokratiċi, għal-libertajiet fundamentali u għad-drittijiet tal-bnedmin fid-dinja kollha.

Is-6 ta' Ottubru

Sentenza Schrems

Il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li biha ppermettiet lil Facebook jittrasferixxi l-informazzjoni personali tal-abbonati Ewropej tiegħu lejn l-Istati Uniti.

(ara l-paġna 17)



Is-7 ta' Ottubru

Tiġdid parzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja u dħul fil-kariga ta' Membru ġdid tal-Qorti Ġenerali

Bħala parti mit-tiġdid ta' kull tliet snin tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġġedded il-mandat bħala Mħallef jew Avukat Ġenerali ta' Küllike Jürimäe (l-Estonja), Rosario Silva de Lapuerta (Spanja), Camelia Toader (ir-Rumanija), Juliane Kokott (il-Ġermanja) u Eleanor Sharpston (ir-Renju Unit), kif ukoll Lars Bay Larsen (id-Danimarka), François Biltgen (il-Lussemburgu), Marko Ilešić (is-Slovenja), Endre Juhász (l-Ungerija), Koen Lenaerts (il-Belġju), Siniša Rodin (il-Kroazja), Allan Rosas (il-Finlandja), Marek Safjan (il-Polonja) u Daniel Šváby (is-Slovakkja).

Żewġ imħallfin ġodda, Eugene Regan (l-Irlanda) u Michail Vilaras (il-Greċja), u tliet Avukati Ġenerali ġodda, Michal Bobek (ir-Repubblika Ċeka), Manuel Campos Sánchez-Bordona (Spanja) u Henrik Saugmandsgaard Øe (id-Danimarka), jirċievu l-ħatra mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri miġbura fi ħdan il-Kunsill. Huma jieħdu l-ġurament waqt udjenza solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Matul din l-udjenza, Ian Stewart Forrester (ir-Renju Unit) jieħu l-ġurament qabel id-dħul fil-kariga bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali.



Is-27 ta' Ottubru

Elezzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja

Alfredo Calot Escobar (Spanja) ikkonfermat fil-kariga tiegħu ta' Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2016 sas-6 ta' Ottubru 2022. Ir-Reġistratur, li huwa wkoll is-Segretarju Ġenerali tal-istituzzjoni, elett mill-Imħallfin u mill-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja għal mandat ta' sitt snin.

Mit-8 sat-12 ta' Ottubru

Elezzjoni tal-President, tal-Viċi President u tal-Presidenti ta' Awla u ħatra tal-Avukat Ġenerali Ewlieni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Koen Lenaerts (il-Belġju) elett President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mill-kollegi tiegħu, għal mandat ta' tliet snin. Huwa jilħaq wara Vassilios Skouris (il-Greċja), li kien ilu president tal-istituzzjoni għal tnax il-sena.

Antonio Tizzano (l-Italja) elett Viċi President, ukoll għal mandat ta' tliet snin.

Rosario Silva de Lapuerta (Spanja), Marko Ilešić (is-Slovenja), Lars Bay Larsen (id-Danimarka), Thomas von Danwitz (il-Ġermanja) u José Luís da Cruz Vilaça (il-Portugall) eletti Presidenti ta' Awla b'ħames Imħallfin għal tliet snin.

Fl-aħħar nett, Melchior Wathelet (il-Belġju) jinħatar Avukat Ġenerali Ewlieni tal-Qorti tal-Ġustizzja.



Id-9 ta' Diċembru

Ċerimonja ta' ftuħ tal-arkivji storiċi tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze

(ara l-paġna 34)



Is-16 ta' Diċembru

Teħid ta' ġurament ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri

Il-Qorti tal-Ġustizzja tieġu nota tal-impenn ta' Bettina Michelle Jakobsen (id-Danimarka), maħtura membru tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea għall-bqija tal-mandat tal-preċedessur tagħha, Henrik Otbo, jiġifieri sat-28 ta' Frar 2018. Bħall-Kummissarji Ewropej, il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea jimpenjaw ruħhom, matul udjenza solenni li tinżamm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li josservaw l-obbligi tal-kariga tagħhom.

Is-16 ta' Diċembru

Adozzjoni tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mill-awtoritajiet leġiżlattivi tal-Unjoni

(ara l-paġna 48)





B. IS-SENA F'ĊIFRI

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea wettqet b'distinzzjoni r-ritmu tal-attività ġudizzjarja tagħha fl-2015, għaliex in-numru ta' kawżi mressqa u magħluqa mill-qrati tagħha laħaq livell mingħajr preċedent fl-istorja tal-istituzzjoni. Din iż-żieda fil-volum ta' xogħol tissarraf ukoll fl-attività tad-dipartimenti amministrattivi li jsostnu ta' kuljum lill-qrati.

L-istituzzjoni fl-2015

BAĠĠIT 2015

357

MILJUN EURO

63

IMĦALLEF

11

-IL
AVUKAT
ĠENERALI

minn 28 Stat Membru

2 122

uffiċjal u membru tal-persunal



837
raġel



1 285
mara



Is-sena ġudizzjarja

(il-qradi kollha inklużi)

1 711-il
kawża mressqa

1 755
kawża maqtuha

142 140 dokument proċedurali mniżżel fir-reġistri

Tul medju tal-proċeduri:



16.1-il
xahar

Il-Qorti tal-Ġustizzja
Il-Qorti Ġenerali
TSP




15.6
20.6
12.1



2 845

komunikazzjoni ġudizzjarja ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*



1 115 000 paġna tradotta



628 seduta u laqgħa li kellha interpretazzjoni simultanja

Is-sena istituzzjonali



Madwar

1 900

membru tal-ġudikatura nazzjonali

milqugħ fil-Qorti tal-Ġustizzja għal seminar jew taħriġ



16 377

viżitatur

- professjonisti
- ġurnalisti
- studenti
- ċittadini




63

avveniment protokollari

2


L-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA



A. MĦARSA LURA LEJN IS-SENTENZI PRINĊIPALI TAS-SENA

IL-MĦARSIEN TAL-INFORMAZZJONI PERSONALI

Fi ħdan l-Unjoni, il-mħarsien tal-informazzjoni ta' natura personali taċ-ċittadini hija ggarantita. F'Ottubru 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tikkjarifika sa kemm il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u d-Direttiva 95/46 jagħtu dan il-mħarsien. L-informazzjoni ta' natura personali taċ-ċittadini tal-Unjoni hija mħarsa biżżejjed fi ħdan u lil hinn mill-Unjoni?



Ċittadin Awstrijak, is-Sur **Schrems**, ma riedx li l-informazzjoni tal-kont Facebook tiegħu tiġi ttrasferita lill-Istati Uniti, fejn qies li l-mħarsien tal-informazzjoni personali mis-sorveljanza tad-dipartimenti investigattivi ma kinitx tajba biżżejjed. B'deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-awtorità regolatorja tal-Irlanda (fejn hemm is-sede ta' Facebook fl-Ewropa) ma tħallietx twettaq din il-verifika, ħaġa li wasslet li Schrems iressaq kawża quddiem il-High Court of Ireland, li, min-naħa tagħha, talbet kjarifika lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq sa fejn jista' jasal il-mħarsien, u l-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Hija qalet li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2000, li tgħid li l-livell ta' mħarsien mogħti mill-Istati Uniti kien biżżejjed sabiex jippermetti li l-informazzjoni personali li ġejja mill-Unjoni tiġi ttrasferita lejn dan il-pajjiż, ma kinitx valida. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-liġi Amerikana magħrufa bħala "Safe

Harbour", li fuqha kienet ibbażat ruħha l-Kummissjoni, tiswa biss għall-impriża Amerikani u għaldaqstant ma tiggerantixx il-mħarsien mill-aċċess mill-awtoritajiet Amerikani għall-informazzjoni ttrasferita mill-Istati Membri tal-Unjoni. Hija qalet ukoll li, indipendentement minn jekk hemmx jew le deċiżjoni tal-Kummissjoni, huma l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li għandhom jeżaminaw, fuq talba ta' ċittadin jew ta' impriża, jekk pajjiż terz joffrix livell ta' mħarsien adegwat. Barra minn hekk, hija l-awtorità regolatorja Irlandiża li għandha tivverifika jekk l-Istati Uniti joffrux livell ta' mħarsien li sostanzjalment jixbah dak iggarantit fl-Unjoni, b'tali mod li l-informazzjoni mogħtija lil Facebook minn Schrems bħala abbonat tkun tista' tinżamm f'servers li jinsabu fl-Istati Uniti. ([Sentenza Schrems tas-6 ta' Ottubru 2015, C-362/14](#))

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li d-dritt tal-Unjoni ma jippermettix li **l-informazzjoni personali tgħaddi** minn żewġ dipartimenti pubbliċi ta' Stat Membru, u li jkun hemm trattament ieħor, jekk il-persuna kkonċernata ma tkunx ġiet informata minn qabel.

Is-Sinjura Bara u ċittadini Rumani oħra kienu ressqw lment quddiem il-qorti Rumani għaliex id-dipartiment tat-taxxa kien għadda d-dħul iddikjarat tagħhom lid-dipartiment tas-sigurtà soċjali, li minħabba f'hekk talab il-ħlas ta' arretrati ta' kontribuzzjonijiet lill-iske-ma tas-sigurtà soċjali. Fuq talba tal-qorti Rumena, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont id-direttiva fuq it-trattament tal-informazzjoni personali, l-awtorità li jkollha l-informazzjoni għandha tinforma lill-persuna kkonċernata bit-trasferiment tal-informazzjoni lil bar-ranin. Jekk il-liġi nazzjonali tkun tista' tagħti eżenzjoni minn dan l-obbligu, il-liġi għandha tispeċifika liema hija l-informazzjoni li tista' tingħata u b'liema proċedura għandha tingħata.

L-awtorità li tirċievi din l-informazzjoni għandha, min-naħa tagħha, tinforma lill-persuna kkonċernata bl-iskop tat-trattament kif ukoll tad-dritt tagħha li tara l-informazzjoni u li tikkorreġiha. (Sentenza Bara et tal-1 ta' Ottubru 2015, C-201/14)



IL-#ARSJEN TAL-KONSUMATURI

Kemm jistgħu l-istampi fuq it-tikketta ta' prodott tal-ikel jiżgwidaw konsumatur? Fuq it-tikketta ta' infużjoni bil-frott, xi stampi wrew xi lampuni u fjuri tal-vanilja. Fil-verità, anki jekk il-lista tal-ingredjenti kienet korretta, l-infużjoni ma kellhiex ingredjenti naturali. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dritt tal-Unjoni jitlob li l-konsumatur jingħata **informazzjoni korretta, newtrali u oġġettiva**. Meta t-tikketta turi l-preżenza ta' ingredjent li, fil-verità, ma jkunx hemm, ix-xerrej jista' jiġi żgwidat, anki jekk il-lista tal-ingredjenti tkun, fiha nnifisha, eżatta. ([Sentenza Teekanne tal-4 ta' Ġunju 2015, C-195/14](#))



Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat id-drittijiet tal-konsumaturi fil-qasam tal-**ittikkettar tal-ilma minerali fil-fliexken**. Hija kkonfermat li l-livell ta' sodju indikat fit-tikketta tal-fliexken għandu jirrifletti l-kwantità totali ta' sodju fil-forom kollha (melħ normali u bikarbonat ta' sodju). Fil-fatt, il-konsumatur jista' jiġi żgwidat jekk l-ilma jiġi ppreżentat bħala fqir fis-sodju jew fil-melħ, filwaqt li jkollu haġna bikarbonat tas-sodju. ([Sentenza Neptune Distribution tas-17 ta' Diċembru 2015, C-157/14](#))

Il-konsumaturi huma wkoll imħarsa fil-qasam tax-**xiri u tal-garanzija fuq il-beni ta' konsum**. Ċittadina Olandiża kienet xtrat minn garaxx karozza użata li ħadet in-nar tliet xhur wara waqt li kienet qed issuqha. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-qorti nazzjonali tista' b'inizjattiva tagħha tapplika d-dritt Ewropew fil-qasam li jirrigwarda l-obbligu tal-konsumatur li jressaq il-prova: bħala regola, wieħed għandu jassumi li d-difetti moħbija li joħorġu fi żmien sitt xhur minn mindu jinxtara oġġett ikunu jeżistu fil-mument tax-xiri. Il-konsumatur għandu jressaq il-prova li d-difett jeżisti, imma mhux marbut iġib il-prova ta' x'ikkawża d-difett, u lanqas li juri li l-orijini huwa tort ta' min ibiġh. ([Sentenza Faber tal-4 ta' Ġunju 2015, C-497/13](#))

Fil-qasam tat-**trasport bl-ajru**, il-Qorti tal-Ġustizzja mill-ġdid spjegat sa fejn jaslu d-drittijiet tal-passiġġieri. Meta, għal kull titjira li titlaq minn ajruport tal-Unjoni, sistema ta' riżervazzjoni elettronika

tippromponi diversi itinerarji tat-titjira, hija għandha tavża f'kull mument il-prezz definittiv bid-dettall ta' kull servizz tal-ajru. Din l-indikazzjoni għandha tidher għal kull titjira proposta, mhux biss għat-titjira magħżula mill-passiġġier. Fil-fatt, il-konsumatur għandu jkun jista' jqabbel effettivament il-prezzijiet tal-varji servizzi bl-ajru. ([Sentenza Air Berlin tal-15 ta' Jannar 2015, C-573/13](#))

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li skont regolament Ewropew, it-trasportatur bl-ajru għandu jikkompensa lill-passiġġieri (bejn EUR 250 u EUR 600) fil-każ li t-tijira tagħhom titħassar. Dan l-obbligu japplika wkoll fil-każ ta' problemi tekniċi mhux mistennija tal-ajruplan, għaliex anki f'dan il-każ, it-trasportatur huma marbuta li jagħtu kumpens lill-passiġġieri. Huma każijiet eċċezzjonali biss (difetti moħbija fil-fabbrikazzjoni li jaffettwaw is-sigurtà tat-titjiriet, atti ta' sabutaġġ jew ta' terroriżmu) li jistgħu jeżentaw lit-trasportatur mill-obbligu tiegħu. ([Sentenza van der Lans tas-17 ta' Settembru 2015, C-257/14](#))

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tkellmet fuq il-ħarsien tal-konsumaturi li jkunu daħlu għal **self ipotekat** sabiex jixtru d-dar ewlenija tagħhom. Meta l-kuntratt jinkludi klawżola li tagħti rati ta' interessi illegali, il-qorti nazzjonali tista' jew tikkalkula mill-ġdid ir-rati ta' interess, jew tannulla l-applikazzjoni ta' din il-kawżola jekk tqisha abbużiva. ([Sentenza Unicaja Banco tal-21 ta' Jannar 2015, Kawżi Maqgħuda C-482/13 et](#))



ID-DRITTJIET U L-OBBLIGI TAL-MIGRANTI

Ir-regoli fil-qasam tal-integrazzjoni taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi li jistabbilixxu ruħhom fl-Istati Membri jfittxu b'mod partikolari li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika u soċjali f'dawn l-Istati. Skont id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-istatus ta' **resident għal żmien twil** lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għexu legalment u bla waqfien fit-territorju tagħhom fil-ħames snin qabel ma jkunu ressu t-talba tagħhom.

Fil-Pajjiżi l-Baxxi, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom, taħt piena ta' multa, jgħaddu minn **eżami ta' integrazzjoni ċivika** sabiex juru kemm jafu fuq il-lingwa u fuq is-soċjetà Olandiża. Bħala rispost għal domanda magħmula minn qorti Olandiża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Istati Membri jistgħu jeżiġu minn min ikun ilu jirrisjedi li jgħaddu minn eżami bħal dan. Madankollu, il-mod ta' kif dan l-obbligu jitwettaq (pereżempju, l-ammont tal-ispejjeż ta' reġistrazzjoni) ma għandux jipperikola t-twettiq ta' dan il-għan ta' koeżjoni soċjali mfittex mid-dritt tal-Unjoni. (Sentenza P u S tal-4 ta' Ġunju 2015, C-579/13)

Barra minn hekk, direttiva Ewropea stabbilixxiet li ċittadin ta' pajjiżi terzi li jirrisjedi legalment fi Stat Membru jista' jgawdi mid-dritt għar-**riunifikazzjoni tal-familja** taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-membri tal-familja tiegħu li jixiequ jingħaqdu jistgħu, pereżempju, jiġu obbligati li jgħaddu minn eżami ta' integrazzjoni ċivika. Meta saritilha domanda minn qorti Olandiża fuq il-kompatibbiltà ta' dan l-eżami mad-direttiva dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-Istati Membri jistgħu jeżiġu li iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jgħaddu minn eżami ta' integrazzjoni ċivika qabel ir-riunifikazzjoni. Madankollu, is-sitwazzjoni partikolari

ta' individwu li ma jkunx jista' jmur għall-eżami jew jgħaddi minnu (pereżempju minħabba l-età jew is-saħħa tiegħu) għandhom jittieġdu inkunsiderazzjoni sabiex dak li jkun jiġi eżentat minn dan l-obbligu. (Sentenza K u A tad-9 ta' Lulju 2015, C-153/14)

Id-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi wkoll regoli, applikabbli fl-Istati Membri kollha, li jirregolaw id-detenzjoni jew it-tkeċċija taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment fit-territorju ta' Stat Membru.

Il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda fuq id-direttiva magħrufa "d-direttiva ritorn" minn qorti kriminali Taljana. Hija ddeċidiet li Stat Membru jista', filwaqt li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, jagħti **pieni kriminali** (bħal piena ta' ħabs minn sena sa erba' snin, bħal fl-Italja) lil ċittadin ta' pajjiżi terzi li, wara li jkun intbagħat lura fil-pajjiż tal-orġini tiegħu minħabba proċedura ta' ritorn, jidħol mill-ġdid illegalment fit-territorju tal-Istat bi ksur tal-projbizzjoni ta' dħul. (Sentenza Skerdjan Celaj tal-1 ta' Ottubru 2015, C-290/14)



IL-#ARSIEN TAD-DRITTIJJET TAL-#ADDIEMA

Id-dritt tal-Unjoni jfittex li jżomm bilanċ ġust bejn l-obbligi professjonali u l-#ajja privata tal-#addiema. B'dan il-mod, huwa jistabilixxi regoli dwar kif il-kuntratti ta' xogħol jiġu implementati, bħall-organizzazzjoni tal-#in tax-xogħol.

L-iffissar tal-paga minima bħala regola ma jaqax taħt id-dritt tal-Unjoni, li madankollu jista' jinkludi xi regoli min-#abba kwistjonijiet soċjali jew ta' kompetizzjoni.

Bħala regola ġenerali, il-#in ta' xogħol matul il-ġimgħa ma jistax jaqbeż 48 siegħa u kull #addiem għandu jgawdi minn #inijiet minimi ta' mistrie# fil-ġurnata u fil-ġimgħa. Fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, li qieset li l-Greċja u l-Irlanda ma kinux osservaw dawn ir-regoli, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li l-Greċja kienet fil-fatt kisret id-dritt tal-Unjoni, peress li l-professjoni ta' tabib ma kienet irregolata la minn **#in ta' xogħol fil-ġimgħa** ta' massimu ta' 48 siegħa, u lanqas minn **#in minimu ta' mistrie#** fil-ġurnata u fil-ġimgħa.

Min-na#ħa l-o#ra, il-Kummissjoni ma rnexxlihex tressaq prova tan-nuqqas tal-Irlanda dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-tobba tal-isptar waqt li jispeċjalizzaw ru#hom. ([Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Irlanda tad-9 ta' Lulju 2015, C-87/14](#), u [sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja tat-23 ta' Diċembru 2015, C-180/14](#))

B'risposta għal domanda magħmula minn qorti Spanjola, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-vjaġġi mwettqa mit-tekniċi tal-istallazzjoni u ta' manutenzjoni mingħajr post ta' xogħol fiss jew abitwali bejn id-dar tagħhom u l-post tal-ewwel jew tal-a#har klijent huma #in tax-xogħol. B'dan il-mod, is-siġhat tal-vjaġġ li dawn it-tekniċi — li xi kultant ikollhom imorru postijiet li jinsabu iktar minn 100 km minn darhom — għandhom jgħaddu fil-karozza ma għandhomx jitqiesu mill-persuni li jimpjegawhom li huma siġhat ta' mistrie#. ([Sentenza Federaci3n de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras tal-10 ta' Settembru 2015, C-266/14](#))

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll, f'kawża mill-Ġermanja, li l-ġhoti ta' kuntratt pubbliku jista' jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-offerent jimpenja ru#u li jħallas lill-persunal li jeżegwixxi s-servizzi l-**paga minima** applikabbli fl-Istat Membru li jaġhti l-kuntratt pubbliku. ([Sentenza RegioPost tas-17 ta' Novembru 2015, C-115/14](#))



IŻ-ŻAMMA TAL-KOMPETIZZJONI HIJLSA

Sabiex is-suq intern tal-Unjoni jaħdem sewwa, il-kompetizzjoni hijsa hija element essenzjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiżgura l-osservanza tar-regoli li jggarantixxu kompetizzjoni leali bejn l-impriżi fi ħdan is-suq intern u sabiex il-konsumaturi tal-prodotti u tas-servizzi jgawdu mill-aħjar kwalità bl-aħjar prezz.

Kull sena, jitressqu numru ta' kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali dwar il-prattiki li jżommu, jillimitaw jew jgħawġu l-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, bħal ma huma:

- ◆ l-għajjnuna mill-Istat li tiffavorixxi l-impriżi;
- ◆ il-konċentrazzjonijiet (xiri jew amalgama ta' impriżi li jsiru illegali jekk joħolqu jew isaħħu pożizzjoni dominanti li tista' twassal għal abbużi);
- ◆ l-akkordji (ftehim bejn impriżi b'mod speċjali dwar qsim tas-suq, dwar iffissar ta' kwoti ta' produzzjoni jew dwar il-prezzijiet).

Fl-2015, il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet waqfiet il-konċentrazzjoni bejn żewġ kumpanniji attivi fil-qasam tas-**swieq finanzjarji**, jiġifieri Deutsche Börse (operatriċi fil-borża Ġermaniża) u NYSE Euronext (operatriċi fil-Boroż ta' New York, Pariġi, Amsterdam, Brussell u Lisbona). Il-konċentrazzjoni proposta kellha toħloq pożizzjoni dominanti jew sitwazzjoni ta' kważi monopolju, ħaġa li kienet tkun ta' ħsara għall-atturi ekonomiċi l-oħra. ([Sentenza Deutsche Börse vs Il-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2015, T-175/12](#))

Wara appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali sena qabel, dwar akkordju fis-suq **tal-pannelli bi kristalli likwidi** (LCD screens), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-multa dissważiva ta' EUR 288 miljun imposta fuq il-kumpannija ta' Tajwan InnoLux. Fil-fatt, il-Kummissjoni kienet korrettament iddefinixxiet is-suq li fih kienet topera l-kumpannija, jiġifieri s-suq tal-prodotti lesti li jintegraw l-iscreens LCD (kompjuters, televiżjonijiet) mhux biss is-suq tal-iscreens. B'riżultat ta' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, u b'hekk id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. ([Sentenza InnoLux vs Il-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2015, C-231/14 P](#))

Fl-aħjar nett, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet imponiet fuq diversi kumpanniji tal-ajru multi għal total ta' madwar EUR 790 miljun talli ħadu sehem f'akkordju fis-suq tat-**tagħbija bl-ajru**. L-aġir antikompetittiv kien jirrigwarda l-impożizzjoni ta' "sovratassa għall-karburant" u ta' "sovratassa għas-sigurtà" (introdotta minħabba l-miżuri ta' sigurtà imposti wara l-attentati terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001). Il-Qorti Ġenerali annullat dawn il-multi wara li rat li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kellha xi kontradizzjonijiet interni li kienu jippreġudikaw id-drittijiet tad-difiża tal-kumpanniji tal-ajru. ([Sentenzi Air Canada et vs Il-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2015, T-9/11 et](#))

IL-POLITIKA BARRANIJA U L-MIŻURI RESTRITTIVI

Il-“miżuri restrittivi” huma strument ta’ politika barranija li bih l-Unjoni tfittex li toħloq bidla fil-politika jew fl-aġir ta’ pajjiż terz. Il-miżuri restrittivi jistgħu jieħdu l-forma ta’ embargo tal-armi, ta’ ffriżar ta’ proprjetà, ta’ projbizzjoni ta’ dħul u ta’ tranżitu fit-territorju tal-UE, ta’ projbizzjoni ta’ importazzjoni u ta’ esportazzjoni, eċċ. Huma jistgħu jolqtu lil gvernijiet, kumpanniji, persuni fiżiċi, kif ukoll gruppi jew organizzazzjonijiet (bħal ma huma l-gruppi terroristiċi).

Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali diġà taw deċiżjoni f’diversi kawżi dwar sanzjonijiet imposti fuq orgnizzazzjonijiet u fuq persuni minn diversi pajjiżi, bħall-Afganistan, il-Belarus, il-Kosta tal-Avorju, l-Eġittu, l-Iran, il-Libja, ir-Russja, is-Sirja, it-Tuneżija, l-Ukrajna kif ukoll iż-Żimbabwe.



Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kunsill jista’ jassumi li persuna tkun marbuta mal-uffiċjali ta’ pajjiż minħabba l-fatt biss li hemm rabta familjari ma’ dawn l-uffiċjali. B’risultat ta’ dan, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-legalità tal-miżuri restrittivi adottati kontra **Mohammad Makhlof**, iz-ziju tal-president Sirjan **Bachar Al Assad**. (Sentenza Makhlof vs Il-Kunsill tal-21 ta’ Jannar 2015, T-509/11)

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kunsill ma jstax jiffriża l-fondi ta’ persuna mingħajr ma jgħid liema huma l-fatti li jkun qed jiġu kkontestati lilha, u r-responsabbiltajiet tagħha. B’hekk, il-Kunsill ma setax jikklassifika lil **Andriy Portnov** (ex konsulent tal-ex president Ukranjan Viktor Ianoukovytch) bħala responsabbli għas-serq ta’ flus fl-Ukrajna sempliċement għaliex kienet saret inkjesta preliminari fuqu f’dan il-pajjiż. (Sentenza Portnov vs Il-Kunsill tas-26 ta’ Ottubru 2015, T-290/14)

Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali annullat il-parti l-kbira tal-atti li jwet-tqu ffriżar ta’ fondi tal-klabb tal-futbol tal-Belarus **Dynamo-Minsk** minħabba li l-Kunsill ma weriex li s-sidien tal-klabb jappoġġjaw lir-reġim tal-president tal-Belarus Lukashenko, jew li qed jieħdu xi vantaġġ minnu. (Sentenzi FC Dynamo-Minsk vs Il-Kunsill tas-6 ta’ Ottubru 2015, T-275/12 u T-276/12)



IŻ-ŻONA EURO U L-KRIŻI

Sabiex iwaqqaf l-ispekulazzjonijiet fuq id-djun ta' diversi Stati Membri wara l-kriżi taż-żona Euro, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) iddeċieda fl-2012 li jstabbilixxi mekkaniżmu finanzjarju ġdid fil-waqt li wiegħed li huwa kien ser jixtri bla limiti l-"bonds nazzjonali" maħruġa mit-teżor pubbliku ta' Stat Membru fil-każ ta' taqlib eċċezzjonali tal-politika monetarja (mekkaniżmu tal-**operazzjonijiet monetarji fil-bonds** jew OMT). Il-BĊE ried b'hekk iwaqqaf l-inflazzjoni tar-rati ta' interessi mitlub mis-suq sabiex jiffinanzja d-djun tal-Istati Membri mdgħajfa bid-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tagħhom (bħall-Greċja, Spanja u l-Portugall). Skont il-BĊE, is-simplici avviż ta' dan il-programm kien biżżejjed biex jintlaħaq l-effett mixtieq (peress li l-programm qatt ma ġie implementat konkretament).

Il-qorti kostituzzjonali federali Ġermaniża, wara li tressqet kawża quddiemha minn individwi li kienu kontra dan il-programm, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-programm OMT tal-BĊE kienx kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-BĊE kien effettivament kompetenti li jadotta dan il-programm, peress li dan jidhlo taħt il-politika monetarja unika li tagħha l-BĊE għandu jiżgura ż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet. Barra minn hekk, il-BĊE ma kisirx il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju tad-djun nazzjonali stabbilita mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, għalkemm id-dritt tal-Unjoni jipprojbixxi kull assistenza finanzjarja tal-BĊE lil Stat Membru, huwa ma jeskludix il-possibbiltà, għall-BĊE, li jixtri mingħand il-kredituri ta' Stat il-bonds maħruġa minn dan tal-aħħar. (Sentenza *Gauweiler et tas-16 ta' Ġunju 2015, C-62/14*)



B. IĊ-ĊIFRI BAŻIĊI TAL-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' prinċipalment tisma' kawżi dwar:

- ◆ **talbiet għal domandi preliminari**, meta qorti nazzjonali jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' att adottat mill-Unjoni jew dwar il-validità tiegħu. Il-qorti nazzjonali tissospendi l-kawża quddiemha u tagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja, li tagħti r-risposta dwar l-interpretazzjoni t-tajba tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni jew dwar il-validità tagħhom. Meta tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti nazzjonali tkun tista' taqta' l-kawża quddiemha. Fost il-kawżi li jirrikjedu risposta fi żmien qasir ħafna (pereżempju fil-qasam tal-ażil, tal-kontroll tal-fruntieri, tal-ħtif ta' minuri, eċċ.), hemm prevista proċedura preliminari b'urġenza ("PPU");
- ◆ **appelli**, mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali, li huma rimedji ġudizzjarji li bihom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tħassar deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali;
- ◆ **rikorsi diretti**, li jfittxu prinċipalment li:
 - att tal-Unjoni jiġi annullat ("rikors għal annullament") jew
 - jiġi kkonstatat li Stat Membru naqas ta' id-dritt tal-Unjoni ("rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu"). Jekk l-Istat Membru ma jikkonformax ruħu mas-sentenza li tkun ikkonstatat in-nuqqas, rikors ieħor, imsejjaħ "rikors għat-tieni nuqqas", jista' jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuqu sanzjoni ta' flus;
- ◆ **opinjoni** fuq il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' ftehim li l-Unjoni tipproponi li tikkonkludi ma' stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali. Din it-talba tista' titressaq minn Stat Membru jew minn istituzzjoni Ewropea (il-Parlament, il-Kunsill jew il-Kummissjoni).



713-il

Kawża mressqa

436
li minnhom
4 PPU

Proċedura preliminari

Stati Membri li minnhom prinċipalment joriġinaw it-talbiet:

Il-Ġermanja:	79
L-Italja:	47
Il-Pajjiżi l-Baxxi:	40
Spanja:	36
Il-Belġju:	32

48 Rikors
dirett


li minnhom

34 rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u
3 rikorsi għat-"tieni nuqqas"

215-il Appell minn
deċiżjonijiet
tal-Qorti
Ġenerali

3 Opinjonijiet



 <h1>616</h1> <p>-il Kawża magħluqa</p>	<h1>404</h1> <p>Proċeduri preliminari</p>	
	<h1>70</h1> <p>Rikors dirett</p>	li minnhom 26 nuqqas ikkonstatat kontra 13 -il Stat Membru
		li minnhom 3 rikorsi għat-“tieni nuqqas”
	<p>Appelli minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali</p> <h1>134</h1> <p>li minnhom 25 annullaw id-deċiżjoni adottata mill-Qorti Ġenerali</p>	<h1>1</h1> <p>Opinjoni</p>

Oqsma prinċipali ttrattati:

Agrikoltura		20
Ambjent		27
Dritt soċjali		44
Fiskalità		55
Ħarsien tal-konsumatur		29
Kompetizzjoni u għajjnuna mill-Istat		49
Libertajiet ta' moviment u ta' stabbiliment u suq intern		74
Proprietà intellettwali u industrijali		51
Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja		49

IL-QORTI ĠENERALI

Il-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjonijiet fuq rikorsi mressqa mill-persuni u mill-kumpanniji kontra l-atti tal-Unjoni li tagħhom huma jkunu d-destinatarji, jew li jikkonċernawhom direttament u individwalment, l-istess bħar-rikorsi mressqa mill-Istati Membri. Il-parti l-kbira tal-kwistjonijiet hija ta' natura ekonomika: kompetizzjoni u għajnuna mill-Istat, miżuri ta' difiża kummerċjali, trade marks tal-Unjoni Ewropea. Mis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali jista' jitressaq appell, fuq kwistjonijiet ta' dritt biss, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.





987

Kawża magħluqa

851

Rikors dirett

37

**Appell mid-deċiżjonijiet
tat-Tribunal
għas-Servizz Pubbliku**

li minnhom

14 annullaw id-deċiżjoni tat-TSP

Tul medju tal-kawżi




20.6
xahar

**Deċiżjonijiet li minnhom
sar appell quddiem
il-Qorti tal-Ġustizzja**

27 %

Oqsma prinċipali ttrattati:



IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Il-missjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP) hija li taqta' kwistjonijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-persunal tagħhom (madwar 40 000 persuna, fl-istituzzjonijiet u fl-aġenziji kollha tal-Unjoni). Dawn il-kwistjonijiet jirrigwardaw prinċipalment ir-relazzjonijiet ta' xogħol kif ukoll l-iskema ta' sigurtà soċjali.



167

Kawża mressqa



152

Kawża maqtugħa



li minnhom

14-il

Kawża maqtugħa bonarjament,

jiġifieri iktar minn

9 %



12.1-il
xahar

Tul medju tal-kawżi

Deċiżjonijiet li minnhom sar appell
quddiem il-Qorti Ġenerali

28 %

3

SENA
TA' FTUĦ U TA' KUNTATTI



A. L-AWVENIMENTI IMPORTANTI

Id-djalogu li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żżomm mal-qrati nazzjonali u maċ-ċittadini Ewropej ma jseħħ biss matul il-proċeduri ġudizzjarji, imma jiżviluppa kull sena permezz ta' ħafna kuntatti.

F'dan ir-rigward, l-2015 kienet sena mimlija laqgħat u diskussjonijiet, li jgħinu fit-tixrid tad-dritt u tal-ġurisprudenza tal-Unjoni, kif ukoll fil-komprensjoni tagħhom.



Is-17 ta' April

Finali tal-“European Law Moot Court Competition”

Il-*European Law Moot Court Competition*, li ilha tiġi organizzata għal dawn l-aħħar 30 sena mill-*European Law Moot Court Society*, hija kompetizzjoni ta' dibattiti legali li għandha l-għan li xxerred l-għarfien tad-dritt tal-Unjoni fost l-istudenti tal-liġi. Hija meqjusa bħala **waħda mill-iktar kompetizzjonijiet prestiġjużi fid-dinja**, u l-finali tinżamm kull sena fil-Qorti tal-Ġustizzja, fejn it-timijiet komposti minn studenti mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni, iżda anki mill-Istati Uniti, jikkompetu ma' xulxin f'dibattiti legali li jinżammu quddiem bordijiet komposti mill-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.



Id-9 ta' Mejju

Ġurnata “bibien miftuħa” tal-istituzzjoni

Fl-okkażjoni tal-Ġurnata tal-Ewropa, li tiġi ċelebrata fid-9 ta' Mejju fl-Istati Membri kollha sabiex tfakkar id-diskors mogħti mill-Ministru Franċiż Robert Schuman fid-9 ta' Mejju 1950, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea torganizza ġurnata “bibien miftuħa”. Din tippermetti liċ-ċittadini jiskopru l-istituzzjoni, il-missjoni tagħha u kif taħdem, kif ukoll l-arkitettura u l-opri tal-arti msellfa mill-Istati Membri li hija tilqa' u li jkattu l-wiri tat-tradizzjonijiet artistiċi u kulturali Ewropej. Il-Qorti tal-Ġustizzja ġibdet mhux inqas minn **3791 viżitatur**, rekord ta' żjarat li qatt ma kien intlaħaq qabel.



It-8 ta' Ġunju

Konferenza organizzata fl-okkażjoni tal-ħruġ ta' *liber amicorum* lil V. Skouris

Konferenza bl-isem “Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea taħt il-presidenza ta' Vassilios Skouris” ġiet organizzata fl-okkażjoni tal-ħruġ ta' *liber amicorum* lil V. Skouris, li kien president tal-istituzzjoni għal tnax-il sena. F'din l-okkażjoni, diversi presidenti u ex presidenti tal-qrati supremi tal-Istati Membri, kif ukoll rappreżentanti għolja tal-istituzzjonijiet Ewropej tkellmu, taħt il-presidenza kordjali ta' M. Sauvé, il-Viċi President tal-Conseil d'État Franċiż, fuq l-importanza tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest taż-żamma **tal-Istat tad-Dritt u tal-unità tad-dritt tal-Unjoni**.



Mit-28 sat-30 ta' Ġunju

Forum tal-membri tal-ġudikatura

159 membru tal-ġudikatura minn diversi qrati tal-Istati Membri pparteċipaw fil-Forum, li matulu l-ġudikanti Ewropej u nazzjonali qasnu l-fehmiet tagħhom fuq diversi suġġetti interessanti tad-dritt tal-Unjoni. Dan l-avveniment ta' kull sena jfittex li jsaħħa id-djalogu ġudizzjarju li l-Qorti tal-Ġustizzja żżomm mal-ġudikanti nazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tad-domandi preliminari, imma wkoll sabiex tiffaċilita t-tixrid u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, peress li l-ġudikanti nazzjonali huma l-ewwel persuni li japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet għall-kwistjonijiet li jkollhom jaqtgħu.



Id-9 ta' Diċembru

Ċerimonja tal-ftuħ uffiċjali tal-arkivji storiċi tal-Qorti tal-Ġustizzja

Inżammiet ċerimonja uffiċjali fl-okkażjoni tad-depożitu mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-arkivji tagħha fl-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze. Dawn l-arkivji, komposti mid-dokumenti ġudizzjarji u amministrattivi li għandhom iktar minn 30 sena, bħall-ewwel diskors tal-ewwel President tagħha, jew ir-reġistrazzjoni tal-ewwel dokument proċedurali tagħha, b'dan il-mod juru l-evoluzzjoni tal-istituzzjoni. Dakinhar taċ-ċerimonja, **3 539 proċess** kien diġà ntbagħat lejn Firenze, jiġifieri linja twila ta' 112-il metru li turi l-istorja tal-kostruzzjoni Ewropea fid-dimensjoni ġudizzjarja tagħha.



Żjarat uffiċjali lill-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-unur tilqa' diversi personalitajiet eminenti tal-Istati Membri matul l-2015. B'dan il-mod, l-E.T. il-**Gran Duka tal-Lussemburgu** żar il-Qorti tal-Ġustizzja f'Ottubru fl-okkażjoni tal-espożizzjoni tal-*Magna Carta*. Miro Cerar, il-Prim Ministru tas-Slovenja, Martin Lidegaard, il-Ministru tal-Ġustizzja tad-Danimarka, Rui Chancelle de Machete, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Portugall, u Laura Boldrini, il-President tal-Kamra tad-Deputati Taljana, iltaqgħu wkoll mal-Membri tal-istituzzjoni matul diversi żjarat uffiċjali fil-Lussemburgu, biex b'hekk komplew isaħħu d-djalogu ġudizzjarju li hemm bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest tal-kuntatti istituzzjonali.

B. IĊ-ĊIFRI BAŻIĊI

Djalogu kostanti mal-professionisti tad-dritt

- Jinżamm id-djalogu ġudizzjarju ma' ġudikanti nazzjonali

1 627

**ġudikant ħa sehem
f'seminars organizzati
fil-Qorti tal-Ġustizzja**

- laqgħa tal-ġudikanti nazzjonali fil-kuntest tal-Forum annwali tal-membri tal-ġudikatura jew fil-kuntest ta' stage ta' 6 jew 10 xhur fi ħdan kabinett ta' Membru
- seminars organizzati fil-Qorti tal-Ġustizzja
- informazzjoni għall-ġudikanti nazzjonali fil-kuntest ta' assoċjazzjonijiet jew ta' netwerks ġudizzjarji Ewropej
- parteċipazzjonijiet fil-ftuħ tas-sena forensi tal-qrati nazzjonali supremi u superjuri, u laqgħat mal-Presidenti jew il-Viċi Presidenti tal-qrati supremi Ewropej

- Azzjoni favur l-applikazzjoni u l-komprensjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-professionisti tad-dritt

597

grupp ta' viżitaturi

- avvenimenti għall-avukati jew l-aġenti tal-gvernijiet tal-Istati Membri
- avvenimenti għad-dinja akkademika

li minnhom

216

-il



grupp ta' professionisti tad-dritt



252


staġista
tal-liġi bħala parti mill-kors tiegħu



1 583

utenti esterni
studenti, riċerkaturi, professuri li wettqu riċerki fil-biblijoteka tal-istituzzjoni

Djalogu msaħħaħ maċ-ċittadini Ewropej



Madwar

20 000 talba għal informazzjoni fix-xahar

Djalogu uffiċjali u istituzzjonali regolari





4

AMMINISTRAZZJONI LI TAQDI L-ĠUSTIZZJA



A. AMMINISTRAZZJONI FUNZJONALI, MODERNA U MULTILINGWI



Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa s-segretarju ġenerali tal-istituzzjoni, imexxi d-dipartimenti amministrattivi taħt l-awtorità tal-President. Huwa jixhed dwar l-impenn tad-dipartimenti li jagħtu sostenn lill-attività ġudizzjarja, wara sena partikolarment impenjattiva.


Ir-ritmu eċċezzjonali tal-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2015 ssarraff ukoll f'żieda kbira tal-produttività tad-dipartimenti. Sabiex tilħaq dawn ir-riżultati, l-istituzzjoni kompliet tfittex l-opportunitajiet kollha li jippermettulha tilħaq bl-aħjar mod l-għanijiet fundamentali li huma l-kwalità u l-ħeffa fit-trattament tal-kawżi.

Fil-kuntest doppju ta' żieda fl-attività ġudizzjarja u tal-obbligu, għal kull istituzzjoni Ewropea, li tnaqqas 5 % tal-persunal tagħha għall-perijodu 2013-2017, kif kien ġie impost mill-awtoritajiet baġitarji tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet li żżomm il-qalba ta' xogħolha billi ssaħħaħ il-qrati. Din l-evoluzzjoni jistħoqqilha li tiġi indikata f'mument fejn id-dipartimenti qed jintalbu jaffrontaw l-isfidi marbuta, b'mod partikolari, maż-żieda fin-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, li ġiet approvata miż-żewġt ifriegħi tal-awtorità leġiżlattiva (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea).

Kif din il-panorama turi diversi drabi, id-dipartimenti tal-istituzzjoni b'dan il-mod jipparteċipaw bis-siħ fit-tiġdid tal-metodi ta' xogħol, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-partijiet fil-kawża, li jgawdu mill-opportunitajiet mogħtija mill-modi ġodda ta' trażmissjoni elettronika tad-dokumenti proċedurali (e-Curia). Dan it-tiġdid qed jiġi applikat ukoll fit-twettiq ta' tmexxija favur l-ugwaljanza fis-sessi kif ukoll fl-impenn tal-persunal kollu favur l-ambjent. Fl-aħħar nett, ġestjoni raġonevoli tal-multilingwiżmu jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tittratta kawża, tkun liema tkun il-lingwa uffiċjali li fiha titressaq, sabiex tiżgura t-tixrid tal-ġurisprudenza tagħha fil-lingwi uffiċjali kollha.

Ir-rapport annwali ta' ġestjoni tal-istituzzjoni, ifformulat skont id-dispożizzjonijiet tal-regolament finanzjarju applikabbli għall-istituzzjonijiet Ewropej u ppubblikat fis-sit Internet tal-Qorti tal-Ġustizzja, jagħti numru ta' eżempji oħra tal-involvement tal-persunal u tad-dipartimenti fit-twettiq effiċjenti u dinamiku tad-dmirijiet fdati lill-istituzzjoni skont it-Trattati.

Alfredo Calot Escobar
Reġistratur



Ġestjoni raġonevoli tal-multilingwiżmu tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tittratta kawża tkun liema tkun il-lingwa uffiċjali li fiha titressaq, sabiex tiżgura t-tixrid tal-ġurisprudenza tagħha fil-lingwi uffiċjali kollha.




B. ĊIFRI U PROJETTI


Dematerjalizzazzjoni favur l-attività ġudizzjarja

Mill-2011, il-komunikazzjonijiet bejn ir-reġistri tal-qrati u l-partijiet fil-kawża jsiru permezz ta' applikazzjoni kompjuterizzata li jismha "e-Curia", li ġiet żviluppata apposta mid-dipartimenti tal-istituzzjoni sabiex tippermetti l-preżenza u t-trażmissjoni elettronika u bla riskju tad-dokumenti proċedurali. Billi din l-applikazzjoni ntlagħget tajjeb ħafna mir-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawża u mill-Istati Membri, qed tiġi żviluppata verżjoni ġdida, sabiex tiżgura lill-individwi u lill-qrati tal-Unjoni servizz dejjem iktar effikaċi u affidabbli.


Perċentwali tal-atti proċedurali ppreżentati permezz ta' e-Curia



Numru ta' kontijiet ta' aċċess għall-applikazzjoni e-Curia



Numru ta' Stati Membri li jużaw l-applikazzjoni e-Curia



Istituzzjoni favur l-ugwaljanza bejn l-irgħiel u n-nisa



2 122

uffiċjal u membru tal-persunal
fil-31 ta' Diċembru 2015



Rappreżentanza
ta' nisa



53 %

tal-pożizzjonijiet ta' amministraturi



1 287
61 %



835
39 %

Ir-rappreżentanza tan-nisa fil-pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fi ħdan l-amministrazzjoni tqiegħed lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'pożizzjoni oġhla mill-medja tal-istituzzjonijiet Ewropej. Madankollu, tnediet riflessjoni fl-2015 fost in-nisa li jinsabu f'pożizzjoni ta' tmexxija, sabiex jinstabu miżuri li jkunu jstgħu jħajru kandidaturi ta' nisa għall-pożizzjonijiet ta' amministraturi u sabiex tissaħħaħ b'mod permanenti l-preżenza tagħhom fil-livelli kollha ta' tmexxija.



35 %

tal-pożizzjonijiet ta' tmexxija
(intermedji u superjuri)






Impenn qawwi favur l-ambjent

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ilha ssegwi f'dawn l-aħħar snin politika ambjentali ambizzjuża, sabiex tilħaq l-iktar rekwiżiti stretti fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u taż-żamma tal-ambjent.

B'hekk, l-istituzzjoni impenjat ruħha fil-proċedura li tippermettilha tikseb ir-reġistrazzjoni EMAS (Eco-Management and Audit Scheme).

Din is-sistema ta' ġestjoni ambjentali u ta' verifika nħolqot fl-1993 permezz ta' regolament Ewropew li jagħti lill-organizzazzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti stretti tiegħu d-dritt li jiksibu ċertifikat li juri l-aġir ambjentali tagħhom. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja fasslet politika ambjentali ġenwina, li diġà qed tippermettilha tqis l-effetti tal-impenn ekoloġiku tagħha.



Ġestjoni raġonevoli tal-multilingwiżmu

Il-Qorti tal-Ġustizzja, li hija istituzzjoni ġudizzjarja multilingwi, għandha tkun tista' tittratta kawża tkun xi tkun il-lingwa uffiċjali li biha titressaq, u tiżgura t-tixrid tal-ġurisprudenza tagħha fil-lingwi uffiċjali kollha.

Quddiem iż-żieda ta' numru ta' lingwi uffiċjali (li telgħu minn 11 għal 24 f'10 snin), kontroll strett tar-riżorsi baġitarji allokat lill-istituzzjonijiet u ż-żieda kostanti tan-numru tal-kawżi mressqa quddiem il-qorti tagħha (żieda ta' 50 % f'10 snin), iż-żamma tal-multilingwiżmu timponi ġestjoni razzjonali u Prattika. Il-Qorti tal-Ġustizzja adottat numru ta' miżuri ta' ffrankar intern sabiex tillimita l-volum ta' xogħol tad-dipartimenti lingwistiċi, imma hija wkoll użat teknoloġiji ġodda sabiex tikseb effikaċja u iktar ħeffa.

Id-dipartimenti lingwistiċi fi ftit ċifri



5

IFARSA LEJN IL-FUTUR: IR-RIFORMA TAL-ARKITETTURA ĠUDIZZJARJA





Il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta, fis-16 ta' Diċembru 2015, regolament li bih jirrifirma l-arkitettura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Din ir-riforma għandha bħala għan li tissodisfa l-bżonnijiet immedjati tal-Qorti Ġenerali - li kellha 28 Imħallef fl-2015 - u tftitex li ssaħħaħ, b'mod permanenti, l-effikaċja tas-sistema ġudizzjarja Ewropea kollha kemm hi.

.....

56

Imħallef għall-Qorti Ġenerali

2 Imħallfin għal kull Stat Membru

.....

Ir-riforma għandha sseħħ fi tliet fażijiet:

- ◆ l-ewwel żieda ta' 12-il Imħallef fil-Qorti Ġenerali, li seħħet parzjalment f'April 2016;
- ◆ f'Settembru 2016, matul it-tiġdid parzjali li jmiss tal-Qorti Ġenerali, in-numru ta' Mħallfin jiżdied b'7 permezz tal-integrazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mal-Qorti Ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea b'hekk ikollha żewġ iqrati biss (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali);
- ◆ fil-ħarifa tal-2019, matul it-tiġdid ta' wara tal-Qorti Ġenerali, in-numru ta' Mħallfin finalment jitla' b'9, li jtella' n-numru totali ta' Mħallfin għal 56; il-Qorti Ġenerali b'hekk ikollha 2 Imħallfin għal kull Stat Membru. Il-gvernijiet tal-Istati Membri jintalbu li jżommu f'moħħhom l-importanza tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa waqt li jkunu qed jinnominaw l-imħallfin.

Permezz tal-irduppar tan-numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali bi proċedura fi tliet fażijiet sal-2019, il-qorti tkun tista' tlaħħaq maż-żieda tal-kawżi u twestaq il-missjoni tagħha ta' servizz liċ-ċittadini Ewropej li jkunu parti fil-kawża, b'osservanza tal-għanijiet ta' kwalità, ta' effikaċja u ta' ħeffa fil-ġustizzja.

Ir-riforma għabet magħha t-tfassil ta' Regoli tal-Proċedura ġodda għall-Qorti Ġenerali, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015, li bih ser tissaħħaħ il-kapaċità tagħha li tittratta l-kawżi fi żmien qasir u bir-rispett għar-rewżiti ta' smigħ ġust.

6

SEGW I L-ATTWALITÀ
TAL-ISTITUZZJONI



Idħol fil-portal ta' tiftix tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku permezz tas-sit Curia:



curia.europa.eu

Segwi l-attwalità tas-sentenzi u dik istituzzjonali:



- billi tikkonsulta l-**istqarrijiet għall-istampa**, fl-indirizz: curia.europa.eu/jcms/PressRelease
- billi tabbona **fir-RSS** tal-Qorti tal-Ġustizzja: curia.europa.eu/jcms/RSS
- billi ssegwi l-**kont Twitter** tal-istituzzjoni: **@CourUEpresse** jew **@EUCourtPress**
- billi tniżżel l-**App CVRIA** għal telefoni u Ipads

Sabiex issir taf iktar fuq l-attività tal-istituzzjoni:



- ikkonsulta l-paġna dwar ir-**rapport annwali 2015**: curia.europa.eu/jcms/AnnualReport
- niżżel ir-**rapport** dwar l-**attività ġudizzjarja**: curia.europa.eu/jcms/judicialactivitymt
- niżżel ir-**rapport ta' ġestjoni**: curia.europa.eu/jcms/managementreporten

Idħol fid-dokumenti tal-istituzzjoni:



- l-**arkivji storiċi**: curia.europa.eu/jcms/archive
- id-**dokumenti amministrattivi**: curia.europa.eu/jcms/documents

Żur is-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea:

L-istituzzjoni toffri lil dawk interessati programmi ta' żjarat apposta għal kull grupp (attendenza f'seduta, żjara ggwidata tal-bini jew tal-opri tal-arti, żjara ta' studju):



curia.europa.eu/jcms/visits

Għal kull informazzjoni dwar l-istituzzjoni:



- Iktbilna permezz tal-**formula ta' kuntatt**: curia.europa.eu/jcms/contact

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

DIRETTORAT TAL-KOMUNIKAZZJONI
DIVIŻJONI TAL-PUBBLIKAZZJONIJET
U TAL-MIDJA ELETTRONIKA
ĠUNJU 2016



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

QD-AQ-16-001-MT-N

ISBN 978-92-829-2092-3
ISSN 2467-169X
doi:10.2862/899545